MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 1086/1997/1

Martin Callus
vs
Chairman Malta ShipBuilding u b'digriet tat-2 ta' Frar 2000 gie korrett ghac-Chairman tal-Malta Shipbuilding Company Limited

Illum 27 ta' Jannar 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezenta mir-rikorrent fit-28 ta' Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li gie mcahhad minn appointment li kien jisthoqqlu:

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent ilu jahdem mal-Malta Shipbuilding sa mid-29 ta' Jannar, 1987 u kien dahal biss bhala trainee.

2. Illi r-rikorrent ghamel it-tahrig necessarju u fi zmien disa' xhur lahaq il-grad ta' Steel Worker Tradesman I u madwar sena u nofs wara nghata promozzjoni ghall-grad ta' Steelworker Tradesman II.

3. Illi wara xi zmien, ir-rikorrent beda jkollu problemi ta' sahha u t-tabib tal-kumpanija stess issuggerielu tibdil fix-xoghol tieghu.

4. Illi r-rikorrent fuq is-suggeriment tat-tabib beda jahdem bhala skrivan fl-Outfit Steel Yard ghalkemm il-grad tieghu baqa dak ta' Steel Worker Tradesman II.

5. Illi fis-sena 1993 hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' clerk II u III u meta r-rikorrent ipprova japplika s-sur E.G. De Gray il-Personnel Manager fis-Shipbuilding infurmah li ma setax japplika in kwantu kien ghadu jzomm il-grad ta' Steel Worker Tradesman II allavolja ghal tlett snin shah kien ilu jaghmel xoghol ta' skrivan ta' grad ghola minn Clerk III.

6. Illi mill-banda l-ohra, r-rikorrent lanqas seta japplika ghall-grad ta' Steel Worker II meta hargu l-applikazzjonijiet u dan minhabba ragunijiet tas-sahha.

7. Illi effettivament il-posizzjoni tar-rikorrent kienet wahda ingusta u wara id-diversi sforzi minn naha ta' l-Union il-Personnel Manager accetta l-applikazzjoni tar-rikorrent.

8. Illi minkejja li r-rikorrent hassu mar tajjeb fl-ezami ghall-post ta' Clerk II u III ma ghaddiex mill-ezami u t-talba tieghu biex jara l-karta giet michuda.

9. Illi kien biss fid-19 ta' Lulju 1995 li r-rikorrent inghata l-grad ta' clerk II izda mhux ta' clerk III.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi u dan billi jigi rrimedjat billi jinghata l-appointment ta' Clerk III lura sas-sena 1993 jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chairman tal-Malta Shipbuilding fejn wiegeb illi:

1. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-intimat nomine huwa citat zbaljatament.

2. Ir-rikorrent gie impjegat mal-Kumpanija fl-1987. Wara perjodu ta' tahrig huwa gie appuntat Steelworker Tradesman b'effett mid-29 t'Ottubru 1987. Mat-tmiem il-perjodu tal-probation huwa gie konfermat f'Jannar 1990 wara li ntemmlu l-perjodu tal-probation. Fl-1992 ir-rikorrent applika ghall-post ta' Security Guard Level 1 wara sejha b'Cirkolari Numru 6/92 izda huwa ma kkwalifikax ghalih. Ghar-ragunijiet ta' sahha r-rikorrent gie assenjat xoghol klerikali fl-Outfit Steel Department. Fl-1993 wara sejhiet b'Cirkolari Numru 79/93 u 50/93 ir-rikorrent applika ghall-post ta' clerk II u Clerk III rispettivament izda ma kkwalifikax mir-written test li sarlu u b'hekk l-applikazzjonijiet tieghu ma gew approvati. Fl-1995 wara ittra li baghat ir-rikorrent fid-19 ta' Mejju 1995 biex jigi appuntat Clerk II it-talba tieghu giet milqugha b'effett mid-19 ta' Lulju 1995.

3. Illi mill-kwadru suespost ma jirrizultax illi l-intimat nomine jista' jigi rinfaccjat b'akkuza ta' ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent u kwindi ma jidhirx illi t-talba tieghu timmerita konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal. Il-fatt li jallega li "hassu mar tajjeb" ma jfissirx illi in effetti mar tajjeb u/jew li b'daqshekk saret ingustizzja mieghu. Del resto huwa gie promoss ghal grad li talab huwa stess anke meta ma kienx hemm sejhiet ghall-promozzjonijiet jew mili ta' postijiet fi grad oghla.

4. Illi in sostenn ta’ dan affermat l-intimat bi hsiebu jressaq bhala xhieda lill-E.G. de Gray u Romeo Vella.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsudra

Illi r-rikorrent Martin Callus dahal jahdem mas-socjeta` intimata fid-29 ta’ Jannar 1987 bhala trainee. Wara li ghadda l-perjodu ta’ tahrig gie appuntat bhala Steel Worker Tradesman I u sussegwentement Steel Worker Tradesman II. Xi zmien wara kellu problemi f’darhu fejn minhabba fihom, fuq rakkomandazzjoni tat-tobba tas-socjeta` intimata r-rikorrent intbaghat jaghmel xoghol klerikali fl-outfit steel yard. Fl-1993 hargu applikazzjonijiet ghal grad ta’ clerk II u III. Ghall-ewwel gie moghti taghrif li ma setax japplika peress li bhala steel worker ma setax jiehu xoghol klerikali izda, saret pressjoni mill-union u dhalla jaghmel l-ezamijiet. L-ewwel ezami kien dak ta’ clerk III u imbaghad ta’ clerk II. L-ezami ta’ clerk III jinsab esebit a fol 80 tal-process fejn jirrizulta illi r-rikorrent gab 30 marka fuq 100 biex b’hekk wehel. Qaghad ghat-tieni ezami u gie nfurmat ukoll li wehel pero` fl-ahhar tas-smiegh tax-xhieda a fol 111 hemm esebita l-karta ta’ l-ezami ghal clerk II fejn jirrizula mill-istess att li r-rikorrent gab 45 minn 100.

Skond Anthony Restall fix-xhieda li ta’ fil-21 ta’ Novembru 2002 il-pass mark kellha tkun 40 madankollu r-rikorrent gie nfurmat b’ittra ta’ l-14 ta’ Settembru 1993 (a fol 8) li huwa m’ghaddiex minn dan l-ezami u ghalhekk ma kienx intitolat joqghod ghall-interview.

Ikkunsidra

It-Tribunal jirrileva li minkejja illi r-rikorrent ma kellux il-kwalifiki minimi sabiex joqghod ghall-ezamijiet darba gie

awtorizzat jehodhom allura kellu jigi trattat l-istess bhal haddiehor. Filwaqt li t-Tribunal m'ghandux x'jikkumenta dwar ir-rizultat ta' l-ezami li sar fit-13 ta' Mejju 1993 fejn il-marki illi jidhru fir-rapport huma konformi mal-marki li jidhru fil-karta ta' l-ezami, mhux l-istess jinghad ghall-ezami li sar f'Gunju 1993 (fol 111), minn fejn jirrizulta min-notamenti fl-istess karta illi r-rikorrent gab passmark. Minkejja dan, gie nfurmat illi wehel. Irrizulta wkoll li minkejja dan xorta baqa' jaghmel xoghol klerikali sakemm fl-ahhar inghata l-grad fid-19 ta' Lulju 1995. Illum wara hafna zmien qieghed fil-grad ta' Clerk IV wara li qabez l-grad ta' clerk III.

Anthony Restall jghid illi dejjem jaf lir-rikorrent fluwenti fl-Ingliz u fil-Malti ghad li certifikati ma kellux (ara fol 91). Milli jidher dan ma kienx ta' xkiel meta giet awtorizzata upgrading tieghu fuq rakkomandazzjoni diretta fl-1997 (ara xhieda Anthony Restall fol 91 et sequitur).

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi t-Tribunal jidhirlu illi saret ingustizzja mar-rikorrent wara l-ezami bil-miktub illi sar f'Gunju 1993 ghal grad ta' clerk II. Minkejja li r-rikorrent ma sofriex telf finanzjarju peress illi l-paga ta' clerk II hija ekwivalenti ghal dak ta' Steel Worker Tradesman II kif kkonferma l-istess rikorrent (fol 16), xorta jibqa' l-fatt illi l-grad gie mcahhad lilu ngustament, aktar u aktar meta diga kien qed jaghmel xoghol klerikali. It-Tribunal ghalhekk sejjer jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrakomanda li jinghata kumpens ghal din l-ingustizzja ghad illi l-konsegwenzi finanzjarji fuq ir-rikorrent ma tantx kienu serji.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi jilqa' t-talba tar-rikorrent, jiddikjara li l-appointment ta' clerk II ghas-sena 1993 gie mcahhad ingustament u jirrakomanda illi r-rikorrent jinghata kumpens fis-somma ta' Lm500. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------